

Konvenut: L-Ufficijali tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Pedro Núñez Martín (Madrid, Spanja) u Carmen Guillermina Machado Montesinos (Madrid)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Lulju 2015 (Kawża R 2578/2014 4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn, minn naħa, P. Núñez Martín u C. G. Machado Montesinos u, min-naħa l-oħra, Kożmetika Afrodita.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kożmetika Afrodita d.o.o. hija kkundannata tbat i-spejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 406, 7.12.2015.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneral tat-28 ta' Settembru 2016 – The Art Company B & S vs EUIPO – G Star Raw (THE ART OF RAW)

(Kawża T-593/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali THE ART OF RAW — Trade marks nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea figurattivi preċedenti art u trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti The Art Company — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 419/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: The Art Company B & S, SA (Quel, Spanja) (rappreżentant: J. Villamor Muguerza, avukat)

Konvenut: L-Ufficijali tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: G-Star Raw CV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' Lulju 2015 (Każ R 1980/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn The Art Company B & S u G-Star Raw.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) The Art Company B & S, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 414, 14.12.2015.